# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Novembru, 2018**

**Kawża Numru 1**

**Appell Numru 285/18**
**(Esekuzzjoni Provviżorja)**

Fl-Atti tar-Rikors Maħluf Numru 994/17AF fl-ismijiet:

**Labomed Limited (C – 27866)**

v.

**John Cauchi Gera**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija attriċi appellata (minn issa 'l hemm imsejħa "Labomed") fil-21 ta' Awwissu, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti jogħġobha tordna l-eżekuzzjoni provviżorja, għall-finijiet tal-artikolu 266 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u taħt il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2018 fil-kawża fl-ismijiet premessi u li minnha l-intimat appellant

ressaq appell quddiem din il-Qorti u dan fit-termini tal-att ta' konvenju magħmul bejn il-partijiet fid-29 ta' Diċembru, 2015, dwar il-bejgħ ta' liċenza ta' spiżerija (D.L. 160) u dan minħabba l-fatt li l-imsemmija liċenza hija suġġetta għal proċeduri imminenti ta' bejgħ b'irkant taħt l-awtorità tal-Qorti (subbasta);

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat appellant John Cauchi Gera fil-31 ta' Awwissu, 2018, li biha laqa' għat-talba ta' Labomed billi qal li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' minħabba li tikkonsisti f'eżekuzzjoni ta' sentenza li minnha nnifisha hija nulla minħabba nuqqas ta' tħaris ta' dettami tal-proċeduri u milquta b'difett li ġablu ħsara għall-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq. Żied jgħid ukoll li t-talba mhijiex mistħoqqa minħabba li l-atti tal-kawża juru sewwa li Labomed kienet taf bil-jeddijiet ta' terzi persuni fuq il-post mertu tal-kawża u fuq il-liċenza marbuta miegħu;

3. Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk rilevanti tal-atti tas-subbasta;

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta' Ottubru, 2018, f'liema data ħalliet ir-rikors għal-lum għad-deċiżjoni;

***Ikkunsidrat:***

5. Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis jekk għandhiex tilqa' t-talba ta' Labomed, jidhrilha xieraq li tiġbor fil-qosor il-kronoloġija ta' kif ġraw l-affarijiet bejn il-partijiet għaliex, għall-finijiet tal-provvediment mitlub, jistgħu jkunu rilevanti u indikattivi;

6. Illil-appellant huwa t-titolari ta' liċenza bin-Numru DL 160 maħruġa mis-Sovrintendeza tas-Saħħa Pubblika dwar spiżerija bl-isem ta' "*Lister Pharmacy*" li tinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-Ħamrun[1]. B'kitba li saret fid-disgħa w għoxrin (29) ta' Diċembru, 2015[2], il-partijiet għamlu wegħda ta' xiri-u-bejgħ (konvenju) tal-imsemmija liċenza bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra, fosthom dik li l-prezz miftiehem kien ta' ħamsa u tletin elf euro (€ 35,000) li kellha titħallas kif hemm maqbul, u li minnha dakinhar tal-fethim ma tħallset l-ebda biċċa akkont. Il-konvenju ma kienx jistabilixxi żmien għal tali trasferiment, imma jgħid li l-liċenza kellha tkun trasferita sa mhux aktar tard minn dakinhar li jsir l-att tat-trasferiment tal-post. Kemm hu hekk, dakinhar

[1] Dok "DC1", f'paġ.5 tal-proċess tal-kawża
[2] Dok "DC2", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess tal-kawża

ukoll, il-partijiet kienu daħlu fi ftehim oħrajn (erbgħa b'kollox[3]) ta' wegħda ta' xiri-u-bejgħ (konċessjoni sub-enfitewtika temporanja) dwar il-post mnejn titmexxa l-ispiżerija, u ftehim dwar il-bejgħ u xiri tat-tagħmir u l-attrezzji tal-post u tal-istokk li kien hemm fl-ispiżerija sa dakinhar;

7. Illi fid-29 ta' Settembru tal-2017[4], Labomed interpellat lill-appellant b'ittra uffiċjali biex jersaq għall-kuntratt tat-trasferiment tal-liċenza skond ir-rabta tal-konvenju. Billi l-appellant naqas, fit-2 ta' Ottubru, 2017[5], Labomed talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontrih biex iżżommu milli b'xi mod jittrasferixxi l-liċenza tal-ispiżerija lil ħaddieħor. It-talba ta' Labomed intlaqgħet b'degriet tal-31 ta' Ottubru, 2017[6];

8. Illi, fid-dawl tat-terminu minħabba l-ittra uffiċjali, fit-30 ta' Ottubru, 2017[7], Labomed fetħet il-kawża kontra l-appellant għall-eżekuzzjoni tal-konvenju. L-intimat ikkontesta l-kawża bi Tweġiba Maħlufa mressqa fl-20 ta' Marzu, 2018;

9. Illi fit-13 ta' April, 2018, il-kumpannija Neofarma Pharmaceuticals Limited ressqet talba kontra l-intimat appellant u martu għall-bejgħ fl-irkant bil-Qorti tal-liċenza[8]. Din it-talba saret fuq is-saħħa ta' titolu eżekuttiv għas-somma ta' ħames mija u ħamsa u disgħin elf tmien mija u wieħed u sebgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 595,871.73), import ta' prodotti mibjugħa lill-intimat, kif stabilit f'kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-25 ta' Ġunju, 2015, fl-atti tan-Nutar Liza Schembri, u li kien ġie eżegwibbli b'ittra uffiċjali numru 3785/17. Wara li fid-data iffissata oriġinarjament għall-bejgħ b'irkant fil-5 ta' Settembru, 2018, il-bejgħ baqa' ma sarx, dan huwa issa maħsub li jsir nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018, f'nofsinhar;

10. Illi l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet ta' Labomed b'sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2018[9], li minnha l-intimat appellant ressaq appell fit-3 ta' Lulju, 2018;

11. Illi t-talba ta' Labomed qiegħda titressaq taħt id-dispożizzjonijiet tas-sub-inċiżi (1), (6) u (7) tal-artikolu 266 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdu li "*(1) Ħlief fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 267, sentenza li ma tikkostitwix ġudikat ma tkunx esegwibbli kemm-il darba, fuq talba tal-parti interessata, dik is-sentenza*

[3] Xhieda tat-Tabib Edward Basile Cherubino f'paġ. 30 tal-proċess tal-kawża
[4] Dok "DC3", f'paġġ. 8 u 28 tal-proċess tal-kawża
[5] Dok "DC4", f'paġ. 9 tal-proċess tal-kawża
[6] Dok "LL1", f'paġġ. 6 sa 28 tal-inkartament
[7] Dok "LL2" f'paġġ. 29 sa 36 tal-inkartament
[8] Subbasta Mobbli Nru. 9/18 Dok "LL4", f'paġġ. 45 – 6 tal-inkartament
[9] Dok "LL3", f'paġġ. 37 sa 44 tal-inkartament

*ma tkunx ġiet dikjarata mill-qorti li tkun esegwibbli provviżorjament. .. .. .. (6) Meta talba għal dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) ma ssirx quddiem il-qorti tal-ewwel grad, dik it-talba tista' ssir lill-qorti fil-grad ta' appell f'kull żmien qabel ma tingħata s-sentenza ta' appell. (7) Il-qorti għandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provviżorjament jekk tkun soddisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja*";

12. Illi huwa stabilit li fis-sistema legali tagħna (għall-kuntrarju ta' dak li kien jgħodd sal-1963), sentenza mogħtija li ma tkunx saret ġudikat ma tistax tkun eżegwita provviżorjament jekk mhux bil-permess tal-Qorti. F'dan ir-rigward, il-Qrati qiesu li "*il-Qorti hawnhekk ma għandha quddiemha ebda presunzjoni li s-sentenzi bħala regola ma jistgħux jiġu esegwiti jew xi 'desideratum' f' dan is-sens, għaliex sentenza ta' Qorti tal-ewwel grad, għalkemm mhix ġudikat, hija dejjem konklużjoni tal-Qorti fuq il-każ u tiswa iżjed minn sempliċi argumenti. Kieku ma kienx hekk ma kinitx tinkiteb id- disposizzjoni in kwistjoni. Il-liġi… tgħid biss li s-sentenzi li ma għaddewx in ġudikat mhumiex esegwibbli minnhom innifishom u jirrikjedu dikjarazzjoni speċjali biex isiru esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar preġudizzju jekk is-sentenza ma tiġix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti għal waħda finali salv li fl-ewwel każ l-esegwibilità tkun provviżorja mentri fit-tieni tkun definitiva*"[10];

13. Illi fid-dawl ta' dak li għadu kemm issemma, ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza miksuba favur Labomed hija titolu eżekuttiv. Bil-fatt li l-intimat appella minnha, inżammet għalissa l-eżegwibilità tagħha minħabba li l-appell iwaqqafha milli ssir ġudikat sakemm tingħata s-sentenza aħħarija jew sakemm l-intimat ma jabbandunax l-appell tiegħu[11]. Iżda l-liġi tagħti li, fiċ-ċirkustanzi xierqa, sentenza tal-ewwel istanza li minnha jkun sar appell tista' tkun eżegwita b'mod provviżorju jekk kemm-il darba ssir talba f'dan ir-rigward minn min tkun ingħatat favurih is-sentenza appellata. Tista' ssir talba wkoll taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi biex tintalab l-eżekuzzjoni parzjali provviżorja ta' sentenza[12];

14. Illi Labomed qiegħda titlob li titħalla teżegwixxi s-sentenza appellata billi fi żmien qasir ta' ftit jiem il-liċenza mertu tal-istess sentenza tista' tinbiegħ f'irkant ta' ħwejjeġ mobbli ordnat f'atti ta' subbasta mnedijin minn kreditur tal-intimat appellant. Il-Qorti tqis li din

---

[10] P.A. **10.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa utrinque*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1033**)
[11] P.A. TM **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Heritage Estates Ltd vs Avukat Victor Ragonesi***
[12] App. Ċiv. **10.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Ċiappara vs Moira Ċiappara***

iċ-ċirkostanza hija waħda determinanti tal-kwestjoni, kif sejjer jitfisser aktar 'il quddiem f'dan il-provvediment;

15. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, u fil-qagħda attwali, l-intimat appellant għandu ma' wiċċu, min-naħa l-waħda, sentenza (li sallum għadha mhijiex ġudikat) li torbtu biex jersaq għall-bejgħ tal-liċenza skond il-ftehim tal-konvenju u, mill-banda l-oħra, proċeduri eżekuttivi ta' bejgħ b'irkant taħt l-awtorità tal-Qorti fuq talba ta' kreditur terz. Fiż-żewġ ipoteżi, huwa jitlef il-liċenza għaliex tgħaddi f'idejn ħaddieħor. Fi kliem ieħor, il-ħsara li jġarrab li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba ta' Labomed ma tkunx agħar għalih milli kieku jsir il-bejgħ tal-liċenza bl-irkant ġudizzjarju. Fil-każ ta' Labomed, jekk tintlaqgħalha t-talba tagħha għall-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza, telimina t-terzi mix-xena u jkun jifdal il-kwestjoni tad-deċiżjoni tas-siwi tal-appell imressaq mill-intimat appellant;

16. Illi, kieku wieħed kellu joqgħod biss fuq it-tqabbil bejn il-ħsara li jġarrbu l-partijiet bl-ilqugħ jew biċ-ċaħda tat-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza, wieħed ma jsibhiex bi kbira jasal biex jgħid li Labomed iġġarrab ħsara akbar jekk it-talba tagħha ma tintlaqax milli kieku jġarrab l-intimat appellant li kieku t-talba kellha tintlaqa'. Madankollu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ukoll li l-atti tas-subbasta jikkostitwixxu att eżekuttiv imnissel minn titolu eżekuttiv[13] u t-trażżin tiegħu bit-teħid ta' proċeduri oħra bħalma huwa r-rikors tallum irid jittieħed b'serjetà u b'reqqa qabel ma tintlaqa' talba bħal din;

17. Illi l-għaref difensur ta' Labomed issottometta li jekk kemm-il darba kellu jitħalla jsir il-bejgħ b'irkant tal-liċenza u ma tintlaqax it-talba tagħha għall-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza, ikun ifisser li s-sentenza li ngħatat ma tkun tiswa xejn aktar għaliex, f'każ li l-appell imressaq mill-intimat appellant ma jintlaqax, ma jkunx għad hemm fuq xiex wieħed jeżegwixxi l-istess sentenza meta ssir ġudikat;

18. Illi t-talba li Labomed ressqet f'din l-istanza mhijiex biss motivata mill-fatt li hemm iffissata s-subbasta tal-liċenza, imma tolqot l-istess att eżekuttiv jekk kemm-il darba kellha tintlaqa'. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li għalkemm l-artikolu 266(7) isemmi t-tqabbil bejn il-ħsara rispettiva li jkunu se jġarrbu l-partijiet bl-eżekuzzjoni provviżorja mitluba, ma jistax ikun li ma jittiħidx qies ukoll taċ-ċirkostanza tal-effetti li l-għoti ta' eżekuzzjoni provviżorja tħalli fuq xi att eżekuttiv maħruġ minn Qorti bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv favur ħaddieħor. Din il-qagħda kienet tirrikorri xorta waħda li kieku, fil-każ tallum, l-intimat ma appellax mis-sentenza, ladarba s-subbasta ntalbet qabel ma kienet ingħatat is-

[13] Art. 273(d) tal-Kap 12

sentenza tal-ewwel Qorti u kienet magħrufa minn l-istess Labomed saħansitra waqt li kienet għadha qiegħda tinstema' l-kawża;

19. Illi kemm hu hekk, fis-sentenza fuq imsemmija ta' ***Formosa*** (li kienet tirrigwarda każ ta' kustodja ta' minuri), il-Qorti laqgħet it-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza li kienet appellata, fuq is-saħħa tal-jeddijiet spettanti lit-terz (il-minuri) u mhux fuq il-ħsara li jġarrbu l-ġenituri tiegħu (li kienu l-partijiet fil-kawża li dwarhom ingħatat is-sentenza) bi tqabbil bejniethom. Dan ifisser li parti mid-diskrezzjoni li trid tinqeda biha Qorti meta tiġi biex tilqa' jew tiċħad talba għall-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza, tinvolvi l-qies ta' ċirkostanzi legali oħrajn aċċertati;

20. Illi ladarba li f'din l-istanza l-għażliet miftuħa lil din il-Qorti huma ċirkoskritti min-natura partikolari tat-talba, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti ma ssibx li Labomed tatha raġunijiet tajbin biżżejjed biex twassalha biex tilqa' t-talba tagħha;

***Decide:***

21. Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad it-talba** ta' Labomed biex tawtoriżżaha teżegwixxi s-sentenza appellata. Fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż** marbutin ma' dan l-episodju, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm